# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn 6 ta' Diċembru 2021

**Kawza Nru. 2**

**Rikors Nru. 40/2020 ISB**

**James Mifsud et**

**Vs**

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti;**

Rat ir-**Rikors** ta' James Mifsud u Gordon Farrugia tal-31 ta' Awissu 2020, li permezz tieghu u ghar-ragunijiet hemmek mfissra talbu illi jerga' jiddahhal l-isem tas-socjeta` Buz-Dov Developments Limited bin-numru ta' registrazzjoni C-25647 fir-Registru tal-Kumpanniji ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386;

Rat ir-**Risposta** tar-Registratur tal-Kumpanniji tal-1 ta' Ottubru 2021 u li permezz taghha, ir-Registratur elenka x'wassal ghad-de-registrazzjoni tal-kumpannija msemmija minn fuq ir-Registru, fosthom nuqqas ta' sottomissjoni ta' prospetti annwali, izda jghid illi fil-principju ma ghandux oggezzjoni illi l-kumpannija titqieghed lura fuq il-lista mbasta illi tirregolarizza l-pendenzi kollha li ghandha, inkluz mill-hlas ta' penali.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti James Mifsud u Gordon Farrugia bhala azzjonisti, *ultimate beneficial owners* u diretturi tas-socjeta Buz-Dov Developments Limited (C 25647), ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-kumpannija giet mhassra mir-Registru tal-Kumpanniji fit-2 ta' Lulju 2020.

Illi jirrizulta mill-atti tal-kawza illi l-intimat Registratur kien baghat ittri lir-rikorrenti (esbiti mar-risposta tar-Registratur), fejn kien talabhom sabiex jikkonfermaw jekk il-kumpannija kinitx ghadha attiva jew le. Kienet intbaghtet ittra wkoll direttament fl-ufficju registrat tal-kumpannija fit-2 ta' April 2020. Ma jirrizultax illi kien hemm risposti ghal dawn l-ittri.

Illi jirrizulta li l-kumpannija Buz-Dov Developments Limited, giet mhassra mir-Registru tal-Kumpanniji fit-2 ta' Lulju 2020.

Illi r-rikorrenti jsostnu li t-thassir kien irritwali ghaliex r-Registratur qatt ma baghat l-ittra ai termini tal-Artikolu 325(1) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaliex din skond ir-rikorrenti ntbaghtet lil direttur wiehed u qatt ma ntbaghtet lill-kumpannija.

Illi l-intimat Registratur jghid illi l-kumpannija Buz-Dov Developments Limited (C 25647) kienet ilha snin mhux konformi mal-obbligi taghha, u principlament illi ghandha tipprezenta (i) l-prospetti annwali taghha mis-sena 2014 sas-sena 2020; (ii) l-kontijiet annwali mis-sena 2013 sas-sena 2019 u (iii) informazzjoni dwar l-beneficcjarji. Minbarra hekk ghandha tithallas l-penali li tammonta ghal erbgha t'elef hames mija u disgha Euro (€4,509).

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi f'dawn l-proceduri kien hemm f'kollox erba' seduti effettivi.

Il-**ewwel seduta** nzammet fis-26 ta' Novembru 2020, fejn r-rikorrenti nghataw sat-28 ta' Frar 2021, biex jirregolarizzaw l-posizzjoni taghhom. Ulterjorment, ir-rikorrenti, permezz tad-difensuri taghhom, ddikjaraw mal-Qorti illi "*r-rikorrenti kellhom id-disponibilita' <u>shiha</u> illi <u>kull</u> pendenza li kellha l-kumpannija in kwistjoni mar-Registratur tal-Kumpanniji tigi regolarizzata fi <u>zmien ragjonevoli</u>*".

F'din l-istess l-ewwel seduta, ir-Registratur intimat ukoll iddikjara illi ma kienx "ser jopponi d-dhul mill-gdid tal-isem fir-Registru" jekk ir-rikorrenti jirregolaw ruhom fi zmien li taghti l-Qorti. Il-Qorti dak in-nhar tat sat-28 ta' Frar 2021.

It-**tieni seduta** kienet fit-2 ta' Marzu 2021, u jirrizulta li r-rikorrenti kienu ghadhom ma ghamlu xejn biex jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom u fuq talba tal-istess rikorrenti, il-Qorti kienet akkordat tlett xhur ohra sabiex jirregolarizzaw l-posizzjoni taghhom.

It-**tielet seduta** kellha tkun fil-15 ta' Gunju 2021, izda ma kienitx saret stante indisposizzjoni tal-Qorti.

Ir-**raba' seduta** kienet fit-22 ta' Gunju 2021, u anke sa dan l-mument ir-rikorrenti ma kienu hadu l'ebda pass dwar l-posizzjoni taghhom u biex jirregolarizawha. Ghalhekk il-Qorti tat l-ahhar opportunita lir-rikorrenti li kellhom jiehdu l-passi necessarji sat-13 ta' Ottobru 2021.

Illi effettivament fis-seduta tat-13 ta' Ottobru 2021, ir-rikorrenti stess ddikjaraw li kienu ghadhom ma rregolarizzawx il-posizzjoni tal-kumpannija.

Illi minn dan l-agir u attitudni tar-rikorrenti, huwa car ghal din il-Qorti li r-rikorrenti m'humiex, minkejja dak minnhom dikjarat, interessati li din l-kumpannija terga' tigi riattivata u mpoggija fuq il-lista. Illi kieku kien mod iehor, kieku kienu jiehdu l-passi necessarji u mhux ihallu sena tghaddi minghajr ma jaghmlu xejn.

F'cirkostanzi ta' talbiet simili, il-Qorti dejjem kienet propensa illi taghti zmien adegwat u opportun sabiex ir-rikorrenti jirregolarizzaw il-posizzjoni tal-kumpannija, bil-ghan illi t-talbiet jigu mbaghad meqjusa favorevolment. Aktar u aktar meta fl-ewwel seduta issir id-dikjarazzjoni illi saret mir-rapprezentat legali tal-istess rikorrenti. Dan, irid jinghad, isir ukoll fl-isfond anke tal-posizzjoni ragjonata u ekwa illi jiehu r-Registratur intimat.

Imma meta, bhal f'kaz bhal dan odjern, ir-rikorrenti jonqsu mid-dmirijiet taghhom, allura il-Qorti ma tistghax ma tqis dan l-atteggjament bhala hela ta' hin ghaliha u ghal kulhadd.

Jirrizulta illi r-Registratur bghat tlett ittri qabel ma ghadda biex jikkancella l-isem tal-kumpannija, u ghall-ebda wahda ma kien hemm risposta. Gja, fl-umli fehma tal-Qorti, dak huwa nuqqas li l-ligi tipprovdi ghalih ghaliex tawtorizza lir-Registratur jghaddi biex jikkancella l-isem.

Jirrizulta mbaghad, illi minkejja d-dikjarazzjonijiet, it-talbiet ghal estensjoni ta' zmien u l-istess zmien estiz minn darba ghall-ohra illi nghata, ir-rikorrenti baqghu inadempjenti u ma ghamlu xejn.

L-intimat Registratur kien dispost ighin, il-Qorti akkordat bizzejjed zmien – imma r-rikorrenti ma hatfux l-opportunita' illi jaghmlu l-parti taghhom. It-tort ta' dan huwa taghhom u taghhom biss.

**GHALHEKK**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkonsiderat, inkluz dak verbalizzat fil-kors tal-proceduri, qeghda **tichad** it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjez ta' din il-proċedura jkunu a karigu tar-rikorrenti in solidum bejniethom.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġitratur**